**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 181/2011 AF**

**Richard Attard, detentur tal-karta tal-identità numru 510158M, fil-kapacità tieghu bhala d-Direttur tas-Socjetà Kummercjali, Newco Steel Limited (C11310)**

**vs**

**John Rizzo, fil-kapacità tieghu bhala l-Kummissarju tal-Pulizija fl-interess tal-Korp Investigattiv fi hdan il-Korp tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Richard Attard, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Preliminarjament, qed jigi premess illi din hija kawza li qeghda tigi ntavolata sussegwentement ghall-zewg kwereli maghmulin mir-rikorrenti nnifsu fis-27 ta' Jannar u fis-6 ta' Marzu 2010 rispettivament, sabiex issir investigazzjoni interna fi hdan il-korp Investigattiv tal-Pulizija sabiex jigi kkjarifikat bir-reqqa, l-quantum tal-ammont misruq fil-konfront ta' dak li fuqu gie misjub hati l-kwerelanti Richard Attard u konsegwentement

giet deciza s-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija Spettur Daniel Zammit vs Richard Attard, Duncan Cefai u Charlene Pace** fis-16 ta' Ottubru 2008.

Dawn iz-zewg kwereli, fin-natura taghhom bhala talba ufficcjali tal-parti ingurjata u interessata, sabiex issir investigazzjoni *ad hoc* u mill-gdid, gew imsejjhin mill-kwerelanti qua rikorrenti nnifsu wara li hargu fil-berah provi godda sussegwentment ghas-sentenza surreferita, li huma skaccjanti u illuminarji, u li huma partikolarment marbuta ma' xhieda ta' imputati ohrajn li kienu nvoluti fl-imsemmija proceduri gudizzjarji, li llum b'kuxjenza sana, nadifa u minghajr ebda biza' jew sforz li skond huma ghaddew minnu fil-process tal-interrogatorju preliminari maghmul mill-Korp Investigattiv immexxi mill-Ispettur Daniel Zammit, lesti li jiddikjaraw u jikkonfermaw bil-gurament taghhom, li kien hemm diversi twegibiet li ghandhom jigu korretti stante li zgur ma gewx dikjarati kemm mir-rikorrenti nnifsu kif ukoll minn dawn l-investigati l-ohrajn fl-istqarrijiet rispettivi taghhom, li tali stqarrijiet sussegwentement gew utilizzati mill-Prosekuzzjoni, fil-kawza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija Spettur Daniel Zammit vs Richard Attard, Duncan Cefai u Charlene Pace** fis-16 ta' Ottubru 2008 sabiex gie stabbilit il-quantum tal-ammont li fuqu gie misjub hati, il-kwerelanti Richard Attard.

Dawn il-proceduri investigattivi li ntalbu kemm fis-27 ta' Jannar 2010 u fis-6 ta' Marzu 2010, qatt ma gew kostitwiti u l-kwerelanti qua rikorrenti f'din il-kawza u/jew xhieda l-ohra marbutin ma din it-talba, qatt ma gew imsejjhin biex jigu investigati, u ai finijiet tal-Ligijiet ta' Malta issa dan in-non-agir ikkreja pregudizzju kbir fuq ir-rikorrenti u l-interessi finanzjarji tieghu.

Ir-rikorrenti stante dan in-nuqqas ta' agir, intavola ittra ufficcjali datata 14 ta' Lulju 2010 sabiex jinforma lill-intimat, illi fin-nuqqas li ssir gustizzja korrettiva mieghu fuq dak li skond hu '*nholoq bi zball genwin o meno u li b'nuqqas ta' diligenza gie mgieghel jidher bhala fatt jew cirkostanza, sabiex dawn ikunu jistghu 'l quddiem jiswew bhala prova kontrih mill-Prosekuzzjoni li mexxiet kontrih fl-imsemmija sentenza gudizzjarja*' fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija Spettur Daniel Zammit**

**vs Richard Attard, Duncan Cefai u Charlene Pace** tas-16 ta' Ottubru 2008, huwa kien ser jiehu passi civili f'dan ir-rigward minhabba d-dannu finanzjarju li sofra u li ghadu jsofri sa llum.

Ghalhekk ukoll, il-kwerelanti nnifsu, apparti li llum edott sew mill-fatti marbutin mar-reati li fuqhom huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, huwa ghandu fil-pussess tieghu numru ta' provi godda li fil-maggior parti taghhom huma cari u diretti, u li bazikament jistabilixxu illi fl-istatements li huwa ta lill-pulizija datati 18 u 23 ta' Settembru 2008 u dan qed jigi kkonfermat u ddikjarat bil-gurament tieghu, hemm diversi stqarrijiet miktubin li zgur ma hargux minn halq il-kwerelanti qua rikorrenti matul l-investigazzjonijiet ta' dan ir-reat u li konsegwentement skond hu ddikjara li gew imposti fuqu ingustament u minghajr ebda gustifikazzjoni ta' fatt minn naha tal-korp investigattiv tal-Pulizija li kien immexxi f'dan il-kaz mill-Ispettur Daniel Zammit, kif ser jigi gustament ippruvat f'dawn il-proceduri.

In oltre, illum l-imsemmi kwerelanti apparti li ghandu fil-pussess tieghu recording li jistabilixxi l-kuntrarju ta dak li stqarru fuqu apertament l-kwerelanti l-ohrajn ossia Charlene Pace u Duncan Cefai, cioé illi mhuwiex minnu illi Richard Attard, seta' verament hareg b'diversi trakkijiet mimlija merkanzija tax-xbieki tas-soqfa tal-hadid minghajr karti jew fatturi li jistabilixxu l-metragg taghhom, l-imsemmi Duncan Cefai huwa lest li jaghti x-xhieda tieghu fuq dan il-punt bil-gurament tieghu jistabilixxi quddiem din l-Onorabbli Qorti, dak li skond ma gara fil-kaz tal-istqarrijiet tieghu, seta' inkiteb bi zball u b'nuqqas ta' diligenza fl-investigazzjonijiet li sarulu precedentement ghas-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija Spettur Daniel Zammit vs Richard Attard, Duncan Cefai u Charlene Pace** tas-16 ta' Ottubru 2008.

Allura, il-kawzali li fuqhom il-kwerelanti qed jibbaza t-tala tieghu u li fuqhom qed jintavola din il-kawza huwa s-segwenti, u cioé,

Fl-investigazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva li saret f'temp qasir hafna biex kif inhu xieraq wiehed jakkomoda u tinghata l-

assistenza immedjata lill-vittma tar-reati elenkati fit-tahrika, il-kwerelanti flimkien mal-intimat l-iehor Duncan Cefai gew sottoposti ghal sitwazzjoni, fejn f'nuqqas ta' diligenza minn naha tal-Korp Investigattiv seta' sar zball genwin o meno, minn min kellu l-kompitu li johrog fid-dawl tal-imsemmija investigazzjoni x'kien verament il-quantum tal-ammonti bi pregudizzju ghall-operat tas-socjetà Polmesh Ltd., il-kwerelanti Richard Attard u l-akkuzati l-ohrajn approprjaw ruhu minnu. B'dana illi l-firma tieghu fuq l-istatements, u dana qed jigu wkoll iddikjarat u kkonfermat bil-gurament tieghu, irriflettiet kunsens ghal xi haga li mhijiex veritiera u li hija vizzjata bi zball li sar u/jew b'nuqqas ta' diligenza b'qerq u ingann.  F'dan il-kuntest, il-kwerelanti jirrimarka illi hemm certi partijiet fl-istatements li ttiehdulu, cioé dawk tat-18 u 23 ta' Settembru 2008, li jirriflettu risposti li mhux vera nghataw mill-imsemmi Richard Attard u li gew stranament imnizzlin fl-istqarrijiet tieghu.  Dawn l-istatements u l-kontenut taghhom kienu utli sabiex jigi stabbilit l-ammont hekk pretiz mis-socjetà Polmesh Limited fil-kawza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija Spettur Daniel Zammit vs Richard Attard, Duncan Cefai u Charlene Pace** tas-16 ta' Ottubru 2008 u li bazikament serva wkoll biex tefa' dawl ikrah aktar milli suppost fuq ir-rikorrent.  Minbarra l-istatements tieghu, bl-istess mod, Duncan Cefai, ghalkemm huwa ser jagixxi unikament bhala xhud f'dawn il-proceduri, lest li jiddikjara, u jikkonferma bil-gurament tieghu, illi gie sottopost ghall-istess trattament, u fl-istqarrijiet tieghu li nghataw qabel ma ttiehdu l-proceduri kriminali kontrih, jirrizulta li hemm partijiet li similarment ghal dak li gara lill-imsemmi kwerelanti, tnizzlu minghajr ma saret ebda risposta f'dak is-sens.

Illum l-imsemmi rikorrenti ghalkemm huwa konsapevolissimu li digà ghandu sentenza kontrih fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija Spettur Daniel Zammit vs Richard Attard, Duncan Cefai u Charlene Pace,** fid-dawl ta' dak li skond hu seta' sehh bi zball genwin o meno jew b'nuqqas ta' diligenza fl-investigazzjoni precedenti, huwa jammetti li wasal sabiex jaghmel ammissjoni bikrija fuq il-quantum li gie sottopost ghalih minhabba li kien jaf illi l-libertà personali tieghu kienet mhedda u seta' jiskonta sentenza ta' habs.  Jiddikjara wkoll li tant kemm ried jaghmel ammissjoni bikrija huwa ma rax l-istatements tal-Pulizija li kien

ghamel u dan gara wkoll lil Duncan Cefai. Sfortunatament, dawn l-istatements ma kienux inghataw lill-kwerelanti dakinhar tal-investigazzjoni minhabba l-photocopier kienet bil-hsara skond kif kien qallu l-Ispettur Daniel Zammit.

Ghalhekk, ghalkemm huwa ddecieda u ghazel li jammetti bhalma ghamlu l-akkuzati l-ohrajn, illum ghandu kull ragun li jhossu ngurjat ghax jaf li l-izball li gie sottopost ghalih ixejjen kwalunkwe gustizzja li f'dan il-kaz, kellha ssir b'dinjità fil-konfront ta' dak li konsapevolment ammetta fuqu.

Jigi ccarat illi r-rikorrenti Richard Attard llum ma ghandu l-ebda pretensjoni ta' kwalsiasi natura legali versu s-socjetà Polmesh Limited salv pero d-dritt tieghu illi jekk jigi ndagat u misjub li l-istatements tal-intimati l-ohra inkluz tieghu stess li gew pprezentati fil-kawza, gew vizzjati bi zball jew b'nuqqas ta' diligenza sabiex huwa jidher li approprja ruhu minn somma ta' flus ezorbitanti, cioé dik ta' EUR280,000.00 li tmur oltre l-limitu tal-ammont li skond hu, jaf u jammetti li vera gie mehud, huwa jiehu l-mizuri necessarji u opportuni li ttih il-Ligi ta' Malta sabiex din id-diskrepanza jaghmel tajjeb ghaliha, min verament wassal sabiex isir dan il-profitt fil-likwidazzjoni tal-ammont li ghalih dahal responsabbli r-rikorrenti Richard Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Newco Steel Limited, u cioé, l-initimat imsejjah fil-kapacità amministrattiva tieghu.

Finalment il-kwerelanti Richard Attard jippremetti wkoll illi huwa jinsab serjament aggravat, kemm bil-fatt li sa llum gie njorat minn naha tal-Korp Investigattiv tal-Pulizija, kif ukoll ghaliex huwa jaf b'diversi fatti li jixtieq li jissemmew biss ormai f'din is-sede gudizzjali.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tikkonferma, illi l-istqarrijiet tal-Pulizija datati 18 u 23 ta' Settembru 2008, huma vizzjati bi zball stante nuqqas ta' diligenza da parti tal-Korp Investigattiv immexxi mill-Ispettur Daniel Zammit ghaliex jikkontjenu fatti li mhumiex stqarrijiet veritieri tal-investigat Richard Attard, fl-okkazjoni ta dawn iz-zewg investigazzjonijiet.

2. Tillikwida, okkorendo wkoll permezz ta’ periti nominandi ghal dan l-iskop, l-ammont ezatt li verament gie approprjat minn Richard Attard, skond stimi ezatti li ser jingiebu a konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Tordna, l-effettiv hlas tal-ammont hekk likwidat da parti tal-intimat, fi zmien qasir u perentorju.

4. Taghti kull rimedju, direttiva jew ordni ulterjuri, skond ma din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha gie eccepit illi:

Fl-ewwel lok huwa car illi l-intenzjoni tal-attur f’din il-kawza huwa li jittenta attakk fuq sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u li illum ghaddiet in gudikat. Effettivament, biex jigi likwidat l-ammont verament approprjat, kif qieghed jintalab mill-attur, irid jerga jinfetah ezami fuq fatti li kienu digà gew gudikati minn Qorti ohra. L-attur kellu kull opportunità li jattakka din is-sentenza fit-terminu moghti lilu ghall-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Gudikatura Kriminali, izda dan baqa’ ma appellax. Barra minn hekk, minn ezami tas-sentenza, f’pagna 4, wiehed isib illi l-imputati kollha, flimkien mal-parte civile, inghataw differiment sabiex jilhqu ftehim dwar il-bilanci li kien ghad baqa’ x’jithallsu u dwar kif kienu se jithallsu dawn l-ammonti. Ghalhekk, meta wiehed iqis dan il-fatt flimkien mal-fatt li l-attur f’din il-kawza ma prevaliex ruhu mad-dritt ghall-appell, flimkien mal-fatt li l-attur u Polmesh Limited ghamlu skrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu u mal-fatt ukoll illi l-attur digà hallas il-bilanc li kien baqaghlu jaghti lis-socjetà Polmesh Limited, jidher bic-car illi l-azzjoni kif dedotta hija fir-realtà improponibbli u hu apparenti li din l-azzjoni hija biss abbuz ta’ proceduri da parti tal-attur sabiex jittenta jottjeni dak li ma rnexxilux fil-forum appozitu, u cioé quddiem Qorti ta’ kompetenza Kriminali.

Fi-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak suriferit, l-esponent konvenut jeccepixxi wkoll l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione materiae* u dan minhabba l-fatt illi l-kwistjoni mertu ta din il-kawza huwa dejn naxxenti minn piena nflitta

minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali ibbazat fuq il-principju ta' restituzzjoni tal-gid li jkun ittiehed lill-vittma fir-reat tas-serq u misapproprjazzjoni. La mertu tal-kawza huwa wiehed naxxenti minn proceduri interament kriminali, u la n-natura ta' dan id-dejn hija wahda penali, isegwi illi ma tistax tapplika l-azzjoni civili ghalih daqs li kieku dan kien dejn civili. It-talbiet tal-attur huma proprju li jigi llikwidat u determinat mill-gdid l-ammont li huwa kien approprja. Bl-akbar rispett, hawnhekk aktar jidher car kemm din il-Qorti ma hijiex il-forum kompetenti ghal din it-talba. Qorti ta' kompetenza Civili ma tista' qatt tillikwida jew tistabilixxi quantum illi di natura huwa penali. L-implikazzjonijiet ta din it-talba tal-attur huma illi l-quantum li qed tigi mitluba li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti se jkun il-quantum li jkun approprja l-attur fir-realtà minghand Polmesh Limited.

Hawnhekk, bl-akbar rispett, qeghdin nittrattaw ir-reati tas-serq u ta' misapproprjazzjoni u dawn certament ma jaqghux taht il-kompetenza ta' Qorti Civili izda kull gudizzju fuqhom huwa strettament riservat ghall-Qrati b'kompetenza Kriminali. Barra minn hekk, se tinholoq sitwazzjoni konfuzjonali, inaccettabbli u insostenibbli fejn fuq element centrali fir-reati tas-serq u misapproprjazzjoni, u cioé l-element tal-quantum li huwa wkoll marbut intrinsikament mal-piena, se jkun hemm Qorti b'kompetenza Kriminali li tkun tat gudizzju bi quantum anqas minn dak li kienet stabbiliet il-Qorti b'kompetenza Kriminali. Ghalhekk, l-esponent konvenut jirrileva illi r-rimedju li kellu l-attur f'din is-sitwazzjoni, fejn huwa ma qabilx mal-quantum li jappella minn dik id-decizjoni fil-forum kriminali, u mhux li wara li ma appellax hemmhekk, jigi f'forum civili u jipprova jerga jiftah il-kwistjoni tal-quantum quddiem l-Onorabbli Prim'Awla.

Preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent konvenut qieghed jeccepixxi n-nullità u l-irritwalità ta' dan ir-rikors u dan ghas-segwenti ragunijiet.

Fl-ewwel lok, minghajr pregudizzju ghal dak premess, l-interess guridiku ta' l-attur f'dan il-kaz ma jissussistix. Dan ghaliex il-kawza odjerna giet intavolata minn Richard Attard **ghan-nom tas-socjetà kummercjali Newco Steel Limited**.

Ghalhekk, ghandna kaz fejn il-kawza giet in effetti intavolata mis-socjetà Newco Steel Limited u mhux minn Richard Attard bhala l-individwu. Bla dubju ta xejn, azzjoni bhal din ma tistax tissussisti, ghaliex l-azzjoni kriminali li per konsegwenza taghha nholoq dan id-dejn bejn l-attur u Polmesh Limited, hija wahda strettament marbuta mal-individwu. Barra minn hekk, fl-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-istess Richard Attard deher fil-vesti tieghu personali u bhala garanzija, giet iskritta ipoteka specjali proprju fuq id-dar tar-residenza tieghu, u mhux fuq xi assi tas-socjetà Newco Steel Limited. Bis-sahha ta' din l-iskrittura ghalhekk, Polmesh Limited hija l-kreditrici ta' Richard Attard personalment u mhux tas-socjetà Newco Steel Limited. Aktar minn hekk, il-kwereli kollha li ntbaghtu lill-Pulizija dejjem saru minn Richard Attard f'ismu personali u fir-rikors odjern ma jissemma illi l-allegat pregudizzju sar fil-konfront ta' Richard Attard bhala individwu. Ghaldaqstant, jidher car illi s-socjetà Newco Steel Limited qatt ma kellha x'taqsam fil-proceduri kollha li ttiehdu issa u ghalhekk, jonqos l-interess guridiku necessarju ghall-kontinwazzjoni ta' din il-kawza.

Fit-tieni lok, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent konvenut jirrileva illi t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur huma ghal kollox konfuzjonali u minn imkien ma johrog x'tip ta' azzjoni qieghed jittenta li jaghmel l–attur. Dan imur kontra l-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u per konsegwenza jgib mieghu n-nullità tar-rikors promotur. L-azzjoni fl-ebda moment ma turi kjarezza u konsistenza u fl-ebda moment ma jissemma' din l-azzjoni taht liema artikolu tal-Ligi qed issir. Di più, t-talbiet kif posti huma neqsin mill-logika, u dan kif ser jigi muri sussegwentement.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, milli wiehed jista' jikkonstata, fit-talbiet tieghu l-attur qieghed jitlob li l-Kummissarju tal-Pulizija jhallas ammont li ghadu jrid jigi likwidat, u allura mhux cert, u li skond l–attur se jkun l-ammont li hu verament approprja a dannu ta' Polmesh Limited. Bl-akbar rispett, l-esponent konvenut ma jistax jifhem x'wassal ghal din it-tip ta' talba da parti tal-attur. L-ewwel u qabel kollox, l-attur digà hallas l-ammont kollu li approprja lil Polmesh Limited, u ghalhekk, zgur li ma jistax jghid li ma kellux l-okkazjoni li jirribatti dan l-ammont. Minnu nnifsu, il-

hlas ifisser accettazzjoni. Barra minn hekk, l-azzjoni qatt ma setghet tigi diretta lejn il-konvenut esponent izda, jekk ghall-grazzja tal-argument sejrin nikkoncedu li din kienet azzjoni ghal Danni, din kellha tigi diretta lejn Polmesh Limited bhala l-parti li skond l-attur hadet flus aktar milli kellha tiehu, u dan fuq il-principju tal-indebiti solutio. Il-konvenut esponent, barra li fil-mertu jikkontendi li fl-ebda mument ma saret varjazzjoni minn kliem l-attur ghall-istatement miktub, u dan la b'qerq u lanqas bi zball, li kieku ghall-grazzja tal-argument nikkoncedu li kien hemm zball jew qerq, dan lanqas biss seta jinfluwenza s-sejba ta' htija jew id-determinazzjoni tal-ammont li kien approprja l-attur, u dan ghaliex il-htija mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali nstabet fuq ammissjoni tal-attur stess u l-ammont li kellu jaghti lura lil Polmesh Limited gie stabbilit wara trattattivi bejn id-difensuri tal-partijiet kollha, inkluz tieghu! Ghalhekk, zgur li din l-azzjoni lanqas biss setghet tigi diretta lejn il-Kummissarju tal-Pulizija.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, li kieku wiehed kellu jqis din l-azzjoni bhala kawza ghal danni, l-esponent konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni biennali a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li ghaddew aktar minn sentejn mid-data ta' meta s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghaddiet in gudikat. Il-preskrizzjoni ghad-danni ghandha tibda tiddekorri minn meta jkun gie pregudikat l-attur u skond it-talbiet tieghu, wiehed jista' jiddeduci illi l-pregudizzju li qieghed jallega li sofra akkada proprju meta nghatat is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kellha l-effett li tattribwilu htija u li tistabilixxi l-ammont li kellu jithallas.

Fil-mertu, it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-esponent konvenut dejjem agixxa b'diligenza u bi prudenza fil-qadi tad-dmirijiet u tal-funzjonijiet tieghu u ghalhekk kull allegazzjoni ta' xi nuqqas da parti tal-esponent hija biss tentattiv ahhari tal-attur sabiex, tramite dawn il-proceduri, jittenta jasal fejn ma wasalx quddiem il-Qorti kompetenti, u dan kif se jirrizulta ahjar tul il-kors tal-kawza.

In vista tas-suespost, l-esponent konvenut bl-akbar rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet attrici fl-interità taghhom bl-ispejjez kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari.

Ikkunsidrat illi jirrizulta illi fis-16 ta' Ottubru 2008 r-rikorrenti, flimkien ma' zewg persuni ohra, instab hati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' diversi reati fosthom serq, qliegh b'qerq u approprjazzjoni ta' hwejjeg haddiehor, u dan fuq ammissjoni tal-istess imputati. Ir-rikorrenti gie kundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u gie ordnat ukoll ihallas €180,000 lis-socjetà derubata. Richard Attard issa jallega li jezistu provi godda li juru li l-ammont misruq ma kienx realment dak li dwaru huwa nstab hati. Qieghed jallega nuqqas ta' diligenza mill-korp investigattiv u qieghed ukoll ghalhekk jitlob lill-Qorti tordna l-hlas tas-somma tassew misruqa "da parti tal-intimat".

Il-Kummissarju tal-Pulizija jressaq diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari. L-ewwel wahda fosthom li l-Qorti tqis ghaqli tikkonsidra qabel kollox hija dik kontenuta f'paragrafu 2(b) tar-risposta guramentata u cioé dik tan-nullità tar-rikors promotur ghaliex ma jsegwix id-dettami tal-Art. 156 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Art. 789 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mill-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mill-liġi:*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.*

*(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."*

Huwa mghallem mill-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi:

*"Citazzjoni m'ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' ghamla u kwalità tali li jcahhad b'mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ic-citazzjoni ghandha tigi mwaqqgha."* – K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice u l-gurisprudenza fiha citata.

*"Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validità huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur."*

Huwa ritenut inoltre illi:

> *"n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri."* – Tabone vs DeFlavia Vol. XLII.i.87.

Il-Qorti ezaminat l-att promotur tal-kawza fid-dawl tal-fuq citati provvedimenti tal-ligi kif konsistentement imhaddma minn dawn il-Qrati u ssib li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ghandu jinghata r-ragun u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

L-ewwelnett, l-oggett tal-kawza m'huwiex car, u b'hekk l-intimat qieghed isofri pregudizzju fid-difiza tieghu. Ma jirrizultax b'mod inekwivoku jekk ir-rikorrenti hux qieghed jitlob revizjoni tas-sentenza li biha gie misjub hati, jekk hux qieghed jitlob li jigu annullati stqarrijiet rilaxxati; jekk huwiex effettivament qed jitlob kundanna ghal danni minghand il-Kummissarju tal-Pulizija, jew jekk huwiex qieghed jitlob li jigi annullat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu lejn is-socjetà derubata.

Ukoll, ir-rikorrenti f'din il-kawza qieghed jagixxi unikament fil-kapacità tieghu ta' Direttur tas-socjetà kummercjali Newco Steel Limited. In-ness bejn din is-socjetà u l-posizzjoni ta' Richard Attard bhala imputat fil-proceduri kriminali ma huwa msemmi mkien, la fl-att promotur tal-kawza u lanqas fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (esibiti in atti a fol. 27). Din il-konfuzjoni ukoll ixxekkel id-difiza tal-kawza da parti tal-intimat.

Galadarba l-Qorti qed issib in-nullità tar-rikors promotur, ikun inutli f'dan l-istadju tikkonsidra l-eccezzjonijiet l-ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni kontenuta fil-para. 2(b) tar-rikors promotur u tiddikjara null l-istess rikors, u ghaldaqstant tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez jithallsu minn Richard Attard fil-kapacità tieghu ta' direttur ta' Newco Steel Limited.

IMHALLEF

DEP/REG